14 ta' April, 1953

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Wilfred Borg *versus* Notary Dr. Vincent Gatt ne.

**Taxxa tad-Divertiment — "Entertainment Duty" — "Live Shows" — "Wrestling" — "Weight-Lifting" — Art. 3 tal-Kap. 104.**

*Ir-"Wrestling" u l-"Weight-Lifting" ma humiex "Live Shows" fis-sens tal-liġi dwar it-taxxa fuq id-divertimenti; u għalhekk ir-rappreżentazzjonijiet fejn isiru eżibizzjonijiet ta' "wrestling" u "weight-lifting" ma humiex intitolati għar-riduzzjoni fit-taxxa fuq id-divertimenti li l-liġi takkorda fil-każ ta' "live shows".*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa, bħala promotur tax-"shows" li saru fir-Radio City Theatre u fl-Empire Stadium (bejn l-24 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 1952), liema "shows" kienu jikkonsistu f'eżibizzjoni ta' "Wrestling" u "Weight-Lifting", li saru fuq impalkatura appożita, ottjena l-permessi minn għand il-konvenut skond il-liġi (dok. A u B); u illi l-konvenut oppona t-talba ta' l-attur biex dana jħallas l-"entertainment tax" bir-rata ridotta tal-"live shows" skond il-liġi, u għalhekk huwa, taħt protesta, kellu jixtri minn għand il-konvenut l-"entertainment tickets" bla riduzzjoni; u illi, kif jidher mill-prospett "C", b'dan il-mod huwa ġie ħallas £65. 14. 3 żejda; talab illi, wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti meħtieġa u magħmula d-dikjarazzjonijiet li hemm bżonn, (1) jiġi dikjarat illi l-"entertainments" mogħtija ta' "Wrestling" u "Weight Lifting", fir-Radio City Theatre u fl-Empire Stadium, fid-dati fuq imsemmija, jaqgħu taħt id-dispożizzjoni tas-subsection 2 tas-section 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta ("Entertainment Duty Ordinance"); u (2) f'każ ta' akkoljiment ta' l-ewwel talba, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lura l-istess somma ta' £65. 14. 3, jew somma verjuri, bħala eċċess li l-konvenut eżiġa minn għandu bħala "entertainment duty"

fuq imsemmija. Bl-imgħax tal-ħamsa fil-mija min-notifika tad-ċitazzjoni sal-ħlas, u bl-ispejjeż tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fis-17 ta' Ottubru 1952 l-attur ottjena minn għand il-konvenut il-permess li jdaħħal nies bi ħlas għall-"entertainments" konsistenti f'"wrestling performances" li kellhom isiru fir-Radio City Opera House, il-Ħamrun, mill-24 ta' Ottubru sat-30 ta' Novembru ta' dik is-sena; u fil-31 ta' Ottubru 1952 huwa ottjena minn għand il-konvenut permess ieħor għal "entertainments" simili li kellhom isiru fl-Empire Stadium fit-2 ta' Novembru 1952. Għal dawn l-"entertainments" il-konvenut eżiġa minn għand l-attur, fuq il-ħlas tad-dħul, it-taxxa tad-divertimenti ordinarja. L-attur jippretendi illi din it-taxxa ma kellhiex tkun meqjusa b'dak il-mod, imma b'riduzzjoni għal dik ordinarja, billi l-"entertainments" li huwa ppreżenta lill-publiku kienu "live shows" fis-sens ta' l-art. 3 (2) ta' l-Entertainment Duty Ordinance (Kap. 104); u kieku t-taxxa ġiet kalkulata b'dik ir-riduzzjoni, huwa kien jiġi jħallas £65. 14. 3 anqas minn dik li l-konvenut eżiġa u hu kellu jħallas. Il-pretensjoni ta' l-attur, fil-kumpless tagħha, hija illi l-eżibizzjonijiet li huwa ppreżenta saru fuq palk u hekk hemm "a stage play", jew "entertainment of the stage", kienu varjati, u konsistenti f'"wrestling" u "weight lifting", u hekk kienu jikkostitwixxu "a variety entertainment";

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 3 (2) tal-liġi fuq imsemmija jiddisponi illi "notwithstanding the provisions of subsection (1) of this section, in a case where all the performers, whose words or actions constitute the entertainment, are actually present and performing, and the entertainment consists solely of one or more of the following items, namely a stage play, a ballet (whether a stage play or not), a performance of music (whether vocal or instrumental), a recitation, or a variety entertainment, the...... duty shall be charged at........... reduced rates". Jiddisponi wkoll l-istess artikolu illi "for the purpose of this subsection the expression 'stage play' shall be taken to include every tragedy, comedy, farce, opera, burlette, interlude, melodrama,

pantomime, or other entertainment of the stage or any part thereof";

Kif jissottometti l-konvenut, il-partiċella konġuntiva "and" f'din id-dispożizzjoni turi illi għall-applikazzjoni tagħha hemm bżonn il-konkors ta' żewġ rekwiżiti, jiġifieri (1) illi l-"performers" ikunu "actually present and performing", u (2) illi l-"entertainment" ikun jikkonsisti unikament minn wieħed jew iżjed minn dawk l-istess imsemmijin f'dik id-dispożizzjoni;

Illi, dwar l-ewwel rekwiżit, ir-"wrestling" huwa "a sport" li fih "two persons strive to throw each other to the ground" (Encyclopaedia Britannica", Vol. 23, p. 804), li primitivament kien "a method of fighting", u li sar "a sport during the Middle Ages"; imma baqa' dejjem kunsidrat li hu "a contest"; "wrestling is the sport or exercise of two persons struggling to throw each other to the ground in an athletic contest governed by certain fixed rules" (Chamber's Twentieth Century Dictionary). U għalhekk diffiċilment ir-"wrestlers" jistgħu jissejħu "performers", jew "atturi", kif isejħilhom it-test bil-malti tad-dispożizzjoni ġà msemmja. Infatti, it-traduzzjoni bil-malti ta' "performers" u "performing" f'dik d-dispożizzjoni hija "atturi" u "jirreċitaw", u r-"wrestlers" la huma atturi u lanqas jirreċitaw; kif lanqas ma jirreċita u huwa attur il-"weight lifter". "Lifting weights of different kinds has been a popular pastime from time immemorial" (Encyclopaedia Britannica, loc. ċit., p. 486). Għalhekk l-ewwel rekwiżit ma jikkonkorrix;

Illi, dwar it-tieni rekwiżit, ir-"wrestling" ma huwiex "a stage play", jew rappreżentazzjoni tal-palk fis-sens ta' l-imsemmija dispożizzjoni. Ma tirrendiehx tali ċ-ċirkustanza li r-rappreżentazzjonijiet li ta l-attur saru fuq palk. Ir-"wrestling" jappartjeni lir-"ring", u mhux lil "stage"; tant illi, kif xehed Edwin Vella fil-kontroeżami, "il-lotta", u mhux "irreċita", kienet qiegħda ssir f'nofs teatru fi "framed ring". Lanqas ma jista' jiġi kunsidrat illi r-rappreżentazzjonijiet li saru kienu "a variety entertainment" sempliċement għaliex ir-"wrestling" kien isir ukoll mal-"weight lifting"; u dan mhux biss għaliex mhux dejjem, kif ġie pruvat, sar il-"weight

lifting'' mar-''wrestling'', imma wkoll għaliex, meta sar hekk, apparti ċirkustanzi oħra, żewġ ''items''' biss ma jikkostitwux dak id-divertiment ta' varjetà li trid il-liġi; jiġifieri li, biex ikun tali, irid ikun hemm spettakolu varjat. Del resto, il-pubbliku ma ġiex imsejjeħ biex jara ''entertainmnt'' varjat, imma biss biex jassisti għal ''tournament'' ta' ''international all-in wrestling''; u l-permess li ottjena l-attur minn għand il-konvenut kien biex jżomm ''entertainments consisting in wrestling performances''. U lanqas ma jista' jitqies, kif jippretendi l-attur, illi r-''wrestling'' li sar kien ''pantomima'', u għalhekk inkluż fl-espressjoni ta' ''stage play'', għaliex ir-''wresters'' bejniethom, u l-attur magħhom, kienu miftehma li jilludu lill-publiku u juruħ ħaġa b'oħra, billi kienu miftehma li ma jiġġieldux bis-sod; u dan għaliex il-publiku ġie msejjaħ imur, kif mar u ħallas, biex jara lotta u mhux pantomima. Il-manifesti u l-avviżi u l-programmi saru, kif intqal, għall-''International all-in Tournament'', bir-''rules governing the sport of professional wrestling'', li fihom jissemmew ''contests'', li kellhom isiru taħt ir-responsabilità ta' ''referee'' u bid-deċiżjoni finali tiegħu. Anzi fil-manifest ġie msemmi li dak ir-''wrestling'' kellu jkun dak tal-''Catch as Catch Can'', li jikkostitwixxi l-veru u proprju ''contest'' (Encyclopaedia Britannica, loc. ċit., paġ. 806);

Ma hemmx bżonn jingħad illi, kuntrarjament għal dak li jissottometti l-attur, ir-''wrestling'' avżat fil-manifest u fil-programmi ta' l-attur biex jikkonkorri u jassisti għalihom il-publiku, ma kienx dak ir-''wrestling'' komiku li jsir bejn il-buffi fiċ-ċirkolu ekwestri. Għalhekk lanqas ma jikkonkorri t-tieni rekwiżit;

Illi b'dan il-mod id-domandi ta' l-attur jirriżultaw insostenibili;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talbiet attriċi; bl-ispejjeż.